

DIGRIET TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU
(L-Ewwel Awla)
4 ta' Novembru 2008

Kawża F-87/07

Luigi Marcuccio
vs
Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

“Servizz Pubbliku — Ufficijali — Rikors għad-danni — Agiर allegatament illegali min-naħħa tas-servizz mediku tal-Kummissjoni — Inammissibbiltà — Nuqqas ta’ osservanza ta’ terminu raġonevoli sabiex titressaq talba għad-danni”

Test sħiħ bil-lingwa tal-kawża (it-Taljan) II-A-1 - 1915

Suġġett: Rikors, ippreżentat skont l-Artikoli 236 KE u 152 KEEA, li permezz tiegħi L. Marcuccio jitlob, principally, kumpens għad-dannu allegatament subit minħabba agiर illegali mis-servizz mediku tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ipproċessar ta’ tliet ċertifikati mediċi ppreżentati minnu matul is-sajf tal-2001.

Deċiżjoni: Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli. Ir-rikorrent huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sommarju

1. *Uffiċjali — Rikors — Termini — Talba għal kumpens indirizzata lil iċċituzzjoni — Osservanza ta' terminu raġonevoli*
(*Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46; Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 90*)

2. *Uffiċjali — Rikors — Rikors għad-danni — Suġġett — Deċiżjoni — Inammissibbiltà manifesta*
(*Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91*)

1. Huma l-uffiċjali jew il-membri tal-persunal li għandhom, f'terminu raġonevoli, jippreżentaw quddiem l-ċċituzzjoni kull talba intiża sabiex jinkiseb kumpens mill-Komunità minħabba dannu attribwibbli lilha, u dan b'effett minn meta jkollhom għarfien tas-sitwazzjoni li fir-rigward tagħha jressqu lment. In-natura raġonevoli tat-terminu għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi partikolari għal kull każ u, b'mod partikolari, l-interess fil-kawża għall-parti kkonċernata, il-kumplessità tal-kawża u l-agħir tal-partijiet involuti.

F'dan ir-rigward, għandu jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-punt ta' paragun mogħti mit-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst għal azzjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali fl-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, it-terminu ta' ħames snin ma jistax jikkostitwixxi limitu riġidu u intanġibbli li matulu kull talba tkun ammissibbli indipendentement

miż-żmien li r-rikorrent ikun ħa sabiex jippreżenta t-talba tiegħu quddiem l-amministrazzjoni u miċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni.

(ara l-punti 27 sa 30)

Referenza:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 22 ta' Ottubru 1975, Meyer-Burckhardt vs Il-Kummissjoni, 9/75, Ġabra p. 1171, punti 7, 10 u 11

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 5 ta' Ottubru 2004, Eagle *et* vs Il-Kummissjoni, T-144/02, Ġabra p. II-3381, punti 65, 66 u 71

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: 1 ta' Frar 2007, Tsarnavas vs Il-Kummissjoni, F-125/05, ĠabraSP p. I-A-1-43 u II-A-1-231, punti 71, 76 u 77

2. Fil-kuntest ta' rikors għad-danni ppreżentat minn uffiċjal, it-talbiet intiżi, fir-realtà, li tiġi rikonoxxuta, mill-qorti Komunitarja, il-fondatezza ta' ċerti argumenti invokati insostenn tat-talbiet għad-danni huma manifestament inammissibbli peress li ma hijiex tali qorti li għandha tagħmel dawn id-dikjarazzjonijiet. Dan huwa l-każ ta' talbiet intiżi sabiex il-qorti Komunitarja tistabbilixxi l-eżistenza tal-atti, tal-fatti u tal-agħir inkwistjoni kif ukoll l-illegalità tagħhom.

(ara l-punt 36)

Referenza:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 13 ta' Lulju 1989, Jaenicke Cendoya vs Il-Kummissjoni, 108/88, Ġabra p. 2711, punti 8 u 9